A.L. 159 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba għat-Triq

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba għat-Triq, u għandhom jinqraw u jitqiesu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba għat-Triq, hawn issa 'l quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.15

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "awtorizzazzjoni" għandha tiddaħħal it-tifsira ġdida li ġejja:

"Awtorità kompetenti" u "Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta stabbilita skond l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;";

(b) it-tifsiriet ta' "Direttur" u ta' "Dipartiment" għandhom jitħassru;

(ċ) minnufih wara t-tifsira ta' "awtorizzazzjoni" għandha tiddaħħal it-tifsira ġdida li ġejja:

"Direttorat" tfisser id-Direttorat fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta responsabbli għall-amministrazzjoni tat-test biex jiċċertifika li vetturi bil-mutur ikunu tajba għat-triq;";

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "spettur li jittestja vetturi" għandha tiddaħħal it-tifsira ġdida li ġejja:

"spezzjoni teknika tul it-triq" tfisser spezzjoni ta' natura teknika, li ma tkunx ġiet imħabbra mill-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti vetturi li jkunu għaddejjin mit-triq pubblika;";

(e) minnufih wara t-tifsira ta' "*trailer* u vettura oħra li tinġibed" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"triq pubblika" tfisser toroq nazzjonali, arterjali, distributorji, toroq ta' aċċess u ta' aċċess lokali;";

(f) minnufih wara t-tifsira ġdida ta' "triq pubblika" għandha tiddaħħal it-tifsira li ġejja:

""Uffiċjal Awtorizzat" tfisser l-uffiċjal fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta li jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tat-test biex jiċċertifika li l-vettura tkun tajba għat-triq;".

Emenda ġenerali dwar Uffiċjal Awtorizzat u d-Direttorat tal-Liċenzjar u l-Eżamijiet.

3. Minflok il-kelma jew kliem-

i) "Direttur", kull fejn din tidher f'regolamenti 2, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 17, 19, 22, 25, u f'paragrafi (b) u (f) fis-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Uffiċjal Awtorizzat";

ii) "Dipartiment tal-Liċenzi u Testijiet" kull fejn jidhru f'regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Direttorat";

iii) "Dipartiment" kull fejn tidher f'regolamenti 2, 13, 14, 15, 17, 19, 22, fit-Tielet Skeda, fir-Raba' Skeda, fil-Ħames Skeda, f'paragrafi (a), (d), (e), (ġ), (j) u (p) tas-Sitt Skeda, f'paragrafi (a), (b) u (d) tas-Seba' Skeda, u t-Titolu tad-Disa' Skeda li jinsabu mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Direttorat".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. (1) Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (1) ta' regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

(2) Minnufih wara s-subregolament (1) tar-regolament 9 kif enumerat mill-ġdid tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun soġġetta għall-ħlas ta' mitejn u ħamsin lira (Lm 250) bħala ħlas ta' liċenzja ta'kull sena għal kull stazzjon ta' l-ittestjar.".

Temenda regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

5. F'subregolament (4) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "kif inhu speċifikat fir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "ta' għaxar liri (Lm 10)".

Iżid intestatura mar-regolamenti prinċipali.

6. (2) Minnufih wara r-regolament 25 għandha tidħol din l-intestatura ġdida li ġejja:

"TAQSIMA VIII

Spezzjoni Teknika ta' Ċerti Vetturi Tul it-Triq".

Iżid ir-regolamenti ġodda 26 sa 29 mar-regolamenti prinċipali.

7. (1) Minnufih wara r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiddaħħlu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

Klassijiet ta'vetturi li għandhom jiġu soġġetti għal spezzjonijiet tul it-triq

"26. Vetturi ta' Klassi IIA (użati għat-trasport tal-passiġġieri) u vetturi ta' Klassi III, kif inhu mfisser fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, kemm jekk reġistrati f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor, għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet tekniċi każwali tul it-triq meta jkunu qed jiċċirkolaw f'xi triq pubblika f'Malta.

"Aspetti ta' l-ispezzjonijiet tekniċi tul it-triq.

27. L-ispezzjonijiet tekniċi tul it-triq għandhom jiġbru fihom xi wieħed jew aktar mill-aspetti li ġejjin:

(a) Valutazzjoni minn daqqa t'għajn tal-kondizzjoni ta' manutenzjoni tal-vettura meta din tkun wieqfa;

(b) Verifika tad-dokumentazzjoni li tirrigwarda l-eżami ta' kemm vettura hi tajba għat-triq jew ta' l-aktar rapport riċenti ta' l-ispezzjoni teknika;

(ċ) Spezzjoni ta' l-irregolaritajiet li jkopru f'xi waħda jew aktar mill-affarijiet imsemmija fil-lista ta' verifika li hemm fl-Għaxar Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Spezzjoni tas-sistema ta' brejkijiet u ta'l-emissjoni tad-duħħan.

28. Spezzjoni tas-sistema ta' brejkijiet u ta' l-emissjonijiet l-*exhaust* għandha sseħħ skond ir-regolamenti stipulati fi Skeda Ħdax.

Oġġetti eżentati.

29. Oġġetti msemmija fl-Għaxar Skeda jistgħu jiġu eżentati mill-ispezzjoni jekk dawn l-oġġetti jkunu ġew eżaminati u għaddew mit-test li jiċċertifika li l-vetturi jkunu tajba għat-triq jew minn spezzjoni teknika tul it-triq matul it-tliet xhur ta'qabel.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) F'paragrafu A l-kliem "Il-ħtiġiet maħruġa mill-Ispettorat tal-Vetturi tar-Renju Unit kif inklużi fil-manwali li ġejjin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-ħtiġiet maħruġa mill-Ispettorat tal-Vetturi tar-Renju Unit kif inklużi fil-manwali li ġejjin u l-aġġornamenti u l-emendi tagħhom li jiġu wara".

(b) Paragrafu B għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala paragrafu Ċ.

(ċ) Minnufih wara paragrafu A għandu jidaħħal il-paragrafu ġdid li ġej: " B - il-ħtiġiet b'konnessjoni mal-vetturi tas-servizz pubbliku li jistgħu jinħarġu minn żmien għal żmien mill-Awtorità.".

(d) Minnufih wara l-paragrafu Ċ kif enumerat mill-ġdid għandu jiddaħħal dan il-paragrafu ġdid li ġej:-

"D. Ittestjar funzjonali tal-mekkaniżmu użat għal-limitazzjoni tal-veloċità.

Il-vetturi kollha taħt Klassi III li, skond ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Vetturi bil-Mutur (Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir), għandhom ikunu mgħammra b'mekkaniżmu għal-limitazzjoni tal-veloċità, għandhom ikunu spezzjonati kull fejn ikun prattiku, biex jiġi assigurat li kull mekkaniżmu għal limitazzjoni tal-veloċità ikun qed jopera għalkollox kif imiss u li jiġu ffissati l-limiti ta' veloċità massimi li ġejjin għall-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:

- Vetturi kummerċjali bis-86 kph

- Vetturi kummerċjali użati nazzjonalment għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża b'massimu ta' 100 kph

- Vetturi użati għall-ġarr nazzjonali tal-passiġġieri b'100 kph.".

9. L-ewwel paragrafu tas-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar u l-paragrafu ġdid li ġej għandu jiddaħħal bħala l-ewwel paragrafu ta' l-iskeda msemmija: Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"Operaturi ta' l-istazzjonijiet għandhom jiffirmaw kuntratt ma' l-Uffiċjal Awtorizzat, li fih jiftiehmu li jaċċettaw il-kondizzjonijiet imsemmija hawn taħt, u jipprovdu jew:

i) garanzija bankarja ta' Lm10,000 għal kull stazzjon; jew

ii) garanzija bankarja kollettiva ta' mhux anqas minn Lm35,000 provduta konġuntament bejn l-istazzjonijiet kollha li jiddeċiedu li jagħtu din il-garanzija,

u, f'kull każ, jekk fl-opinjoni ta' l-Uffiċjal Awtorizzat, l-operatur jikser il-kuntratt, l-istess operatur għandu jiddepożita l-ammont ta' Lm5,000 favur l-Uffiċjal Awtorizzat, u jekk dan ma jseħħx, l-istess Uffiċjal jista' jieħu azzjoni biex jitħallas mill-individwu jew garanzija kollettiva, skond il-każ, u l-operatur għandu immedjatament jiddepożita s-somma sabiex il-garanzija titreġġa' lura daqs is-somma oriġinali; fil-każ tat-tieni reat, l-operatur jitlef il-garanzija (Lm10,000) u l-Uffiċjal Awtorizzat għandu jirtira l-liċenzja relatata ma' l-istazzjon.".

10. It-Tmien Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) Fi Klassi III, minflok il-kliem "Vetturi użati għall-ġarr ta' oġġetti (vetturi kummerċjali - g.v.w. hu 3,500 kg u aktar) 13.00 B" għandhom jidħlu l-kliem:

"Vetturi użati għall-ġarr ta' oġġetti fit-triq (vetturi kummerċjali - g.v.w. hu 3,500 kg u aktar)

- ġodda	13.00	B
- Oħrajn (vetturi importati sekondaman)	13.00	F";

(b) Minnufih wara l-kliem "E. Fid-data li tiġi reġistrata f'Malta, u wara skond il-kategoriji hawn fuq." għandha tiddaħħal in-nota ġdida li ġejja:

"F. Fid-data li tiġi reġistrata f'Malta, il-vettura għandha tkun akkompanjata jew minn ċertifikat tal-VRT lokali jew minn ċertifikat ekwivalenti (ibbażat fuq il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/96/KE u l-emendi li seħħew wara) maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat fi ħdan l-Erja Ekonomija Ewropea. Dawn il-vetturi huma meħtieġa li jiġu ttestjati ta' kull sena wara dan.".

Jissostitwixxi d-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. Minflok id-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiddaħħal l-Iskeda li ġejja:

ID-DISA' SKEDA

.

(Regolament 19)

Ħlas Għal Amministrazzjoni tad-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet

Kategorija ta' Vettura	**Ħlas Lm**
Klassi I	
Motorcycles u komposti tal-*motorcycles*	0.35
Klassi IIA	
Midibuses, minibuses u vannijiet (g.v.w. taħt 3,500 kg)	1.00
Vetturi użati għall-ġarr ta' oġġetti (vetturi kummerċjali - g.v.w. taħt 3,500 kg)	1.00
Trailers, semi-trailers u vetturi oħra li jinġibdu (g.v.w. taħt 3,500 kg)	1.00
Klassi IIB	
Taxis (g.v.w. taħt 3,500 kg)	0.80
Ambulanzi (g.v.w. taħt 3,500 kg)	0.80
Vetturi misjuqa minn xufier (g.v.w. taħt 3,500 kg)	0.80
Vetturi *self-drive* (g.v.w. taħt 3,500 kg)	0.80
Vetturi oħra ħfief tal-passiġġieri (g.v.w. taħt 3,500 kg)	0.80
Klassi III	
Karrozzi tal-linja *(buses), coaches, buses* privati, *midibuses, minibuses* u vannijiet (g.v.w hu 3,500 kg u aktar)	1.20
Vetturi użati għall-ġarr ta'oġġetti (vetturi kummerċjali - g.v.w. hu 3,500 kg u aktar)	1.20
Trailers, semi-trailers u vetturi oħra li jinġibdu (g.v.w. hu 3,500 kg u aktar)	1.20
Klassijiet I, IIA, IIB u III	
Il-vetturi kollha importati sekondaman	Bħal hawn fuq skond il-kategorija".

Iżid Skedi Għaxra u Ħdax ġodda mar-regolamenti prinċipali.

12. Minnufih wara d-Disa' Skeda għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ skedi l-ġodda li ġejjin:

L-GĦAXAR SKEDA

(Regolamenti 27 u 29)

RAPPORT TA' L-ISPEZZJONI TEKNIKA TUL IT-TRIQ LI JINKLUDI LISTA TA' VERIFIKI

1. Post tal-verifika ……...…….....…….
2. Data ……..
3. Ħin ……..
4. Marka ta'nazzjonalità tal-vettura u n-numru ta'reġistrazzjoni ……
5. Marka ta' nazzjonalità tat-*trailer*/*semi-trailer* u n-numru ta'reġistrazzjoni ……..……
6. Klassi tal-vettura ……

(a) ❑ Vettura għal oġġetti ħfief (3.5 sa 12 t [1]
(b) ❑ *Trailer* [2]
(ċ) ❑ Ferrovija tat-triq [3]
(d) ❑ Karrozza tal-linja jew *coach* [4]
(e) ❑ Trakk (aktar minn 12 t) [5]
(f) ❑ *Semi-trailer* [6]
(ġ) ❑ Vettura msensla [7]

7. Impriża li qed titrasporta/indirizz ….……
8. Nazzjonalità……
9. Xufier……

10. Lista ta' Verifiki

		Saret il-verifika	Ma saritx verifika	Falla
(a)	Sistema ta' brejkijiet u l-komponenti [1]	❑	❑	❑
(b)	Sistema ta' *exhaust* [1]	❑	❑	❑
(ċ)	Opaċità tad-duħħan (*diesel*) [1]	❑	❑	❑
(d)	Emissjonijiet gassużi (petrol, gass naturali jew gass tal-petrolju fi stat likwidu (GPL) [1]	❑	❑	❑
(e)	konnessjonijiet ta' *steering (steering linkages)*	❑	❑	❑
(f)	lampi, tagħmir tad-dwal u tas-sinjali	❑	❑	❑
(g)	Roti / *tyres*	❑	❑	❑
(h)	*Suspension* (difetti viżibbli) [8]	❑	❑	❑
(i)	*Chassis* (difetti viżibbli) [8]	❑	❑	❑
(j)	Takografu (stallazzjoni) [9]	❑	❑	❑
(k)	Tagħmir għat-trażżin tal-veloċità (stallazzjoni) [10]	❑	❑	❑
(l)	Prova ta' tixrid ta' karburant u/jew żejt	❑	❑	❑

11. Riżultat ta' l-ispezzjoni:
    Projbizzjoni fuq l-użu tal-vettura, li għandha difetti serji _
12. Mixxellanji/rimarki
13. Awtorità/uffiċjal jew spettur li għamlu l-ispezzjonijiet

Firma ta' l-awtorità/aġent jew spettur.

(1) Vetturi bil-mutur b'ta' l-inqas erba' roti u li jintużaw għall-ġarr ta' l-oġġetti u li l-piż massimu tagħhom huwa ta' aktar minn 3.5t iżda mhux aktar minn 12 t (kategorija N2)

(2) Kwalunkwe vettura maħsuba li tiġi akkoppjata ma' vettura bil-mutur, bl-eċċezjoni ta' *semi-trailers*, li minħabba fid-disinn u fit-tagħmir tagħha tintuża għall-ġarr ta' l-oġġetti; *trailers* ta' massa massima ta' aktar minn 3.5t iżda mhux aktar minn 10 t (kategorija 03); *trailers* ta' massa massima ta' aktar minn 10 t (kategorija 04).

(3) Vetturi bil-mutur maħsuba għall-ġarr ta' l-oġġetti, b'massa massima ta' aktar minn 3.5 t (kategoriji N2 u N3 akkopjati ma' *trailer* (kategoriji O3 u O4).

(4) Vettura bil-mutur li jkollha ta' l-inqas erba' roti użata għall-ġarr tal-passiġġieri, li għandha aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tax-xufier (kat. M2 u M3).

(5) Vetturi bil-mutur li jkollhom ta' l-inqas erba' roti użati għall-ġarr ta' l-oġġetti u li għandhom massa massima ta' aktar minn 12 t (kategorija N3).

(6) Kwalunkwe vettura maħsuba li tiġi akkoppjata ma' vettura bil-mutur b'tali mod li parti mis-*semi-trailer* isserraħ mal-vettura u li parti sostanzjali mill-piż tagħha jew mill-piż tat-tagħbija hija sostenuta minn dik il-vettura u li, minħabba fid-disinn u tagħmir tagħha, tintuża għall-ġarr ta' l-oġġetti (kategoriji O3 u O4).

(7) Vettura tat-tiġbid akkoppjata ma' *semi-trailer*.

(8 Vetturi bil-mutur li joperaw fuq livell nazzjonali mill-1 ta' Jannar 2005

(9) Vetturi bil-mutur li joperaw internazzjonalment biss

(10) Vetturi bil-mutur manifatturati wara l-2002 jew mill-1 ta' Jannar 2006 għal vetturi li joperaw fuq livell nazzjonali manifatturati bejn l-1988 u l-2001

IL-ĦDAX-IL SKEDA

(Regolament 28)

REGOLAMENTI GĦAT-TESTIJIET
U/JEW IL-VERIFIKA TAS-SISTEMA TA' BREJKIJIET U L-EMISSJONI
TA' L-*EXHAUST*

1. Kondizzjonijiet speċifiċi rigward il-brejkijiet

Hemm il-ħtieġa li kull parti tas-sistema ta' brejkijiet u t-tagħmir ta' operazzjoni tagħha jkunu mantnuti b'tali mod li jaħdmu b'mod tajjeb u effiċjenti u li jkunu aġġustati tajjeb. Il-brejkijiet tal-vettura jridu jwettqu l-funzjonijiet li ġejjin;

(a) Għal vetturi bil-mutur u t-*trailers* u *semi-trailers* tagħhom, brejk ta' servizz li huwa kapaċi li jnaqqas il-veloċità tal-vettura u li jwaqqafha mingħajr perikolu, bil-ħeffa u b'effiċjenza, huma x'inhuma l-kondizzjonijiet ta' tagħbija u hu x'inhu l-pendil 'il fuq jew 'l isfel tat-triq li tkun għaddejja minnha;

(b) Għal vetturi bil-mutur u t-*trailers* u *semi-trailers* tagħhom, brejk ta' pparkjar li jkun kapaċi li jżomm il-vettura wieqfa, hi x'inhi l-kondizzjoni ta' tagħbija, u hu x'inhu l-pendil 'il fuq jew 'l isfel tat-triq;

2. Kondizzjonijiet speċifiċi rigward l-emissjoni ta' l-*exhaust*

2.1 **Vetturi bil-mutur mgħammra b'makni li jaqbdu pożittivament (bil-*petrol*)**

(a) Meta l-emissjonijiet ta' l-*exhaust* m'humiex ikkontrollati minn sistema avvanzata tal-kontroll ta' l-emissjoni bħal konvertitur katalitiku *three-way* li huwa kkontrollat *b'lambda-probe*:

1. Spezzjoni viżwali tas-sistema ta' l-*exhaust* biex jassiguraw li ma jkunx hemm taqtir;

2. jekk hu xieraq, spezzjoni viżwali tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjoni biex jiżguraw li t-tagħmir li hemm bżonn twaħħal;

3. Wara perijodu raġonevoli ta' kundizzjonar tal-makna (waqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur tal-vettura) il-kontenut tal-monossidu tal-karbonju (*CO*) tal-gassijiet ta' l-*exhaust* għandu jitkejjel meta l-makna tkun wieqfa (bla tagħbija).

Il-massimu *CO* permess fil-gassijiet ta' l-*exhaust* m'għandux ikun aktar minn dan li ġej:—

– għal vetturi reġistrati jew li qed jintużaw għall-ewwel darba bejn id-data minn meta l-Istati Membri rrikjedew li l-vetturi jikkonformaw ma' Direttiva 70/220/KEE[1] u l-1 ta'Ottubru 1986: is-*CO* ma jistax ikun aktar minn 4.5% vol.—

– għal vetturi reġistrati jew li qed jintużaw għall-ewwel darba wara l-1 ta' Ottubru 1986: is-*CO* mhux aktar minn 3.5% vol.

(b) Fejn l-emissjonijiet ta' l-*exhaust* huma kkontrollati minn sistema ta' kontroll ta' emissjoni avvanzata bħall-konvertitur katalitiku *three-way* li huwa kkontrollat b'*lambda-probe*:

1. spezzjoni viżwali tas-sistema ta' l-*exhaust* biex jiżguraw li ma jkunx hemm taqtir u li l-partijiet kollha huma kompleti:

2. spezzjoni viżwali tas-sistema ta' kontroll ta' emissjoni biex jiżguraw li t-tagħmir rikjest ġie mwaħħal:

3. Deċiżjoni dwar l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet tal-vettura billi jittieħed kejl tal-valur tal-*lambda* u tal-kontenut tas-*CO* fil-gassijiet ta' l-*exhaust* skond taqsima 4.

4. Emissjonijiet mill-pajp ta' l-*exhaust* – valuri limitati

— Kejl meta l-makna tkun għaddejja b'veloċità ta' qiegħda baxxa: Il-kontenut massimu tas-*CO* li huwa permess fil-gassijiet ta' l-*exhaust* m'għandux ikun ta' aktar minn 0.5 % vol.,

— Kejl meta l-makna tkun għaddejja b'veloċità ta' qiegħda għolja (bla tagħbija), il-veloċità tal-makna għandha tkun ta' l-anqas 2 000 min $^{-1}$ Kontenut tas-*CO*: massimu 0.3 % vol., Lambda: 1 ± 0.03 jew skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur.

2.2 Vettura bil-mutur mgħammra b'makna tal-pistuni li taħdem bil-kompressjoni (*diesel*)

Il-kejl ta' l-opaċità tal-gass ta' l-*exhaust* b'aċċelerazzjoni ħielsa (bla tagħbija minn meta tkun qiegħda sa meta titlaq). Il-livell ta' konċentrazzjoni ma għandux jaqbeż il-valuri limitati tal-koeffiċjenti ta' assorbiment li ġejjin:

— Makni *diesel* aspirati naturalment = 2,5 m $^{-1}$
— Makni *diesel* bit-Turbo= 3,0 m $^{-1}$

Jew valuri ekwivalenti fejn isir użu minn tagħmir ta' tip differenti minn dak imsemmi f'dawn il-ħtiġiet.

Vetturi reġistrati jew li bdew jintużaw għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżenti minn dawn il-ħtiġiet.

2.3 **Tagħmir għat-test**

L-emissjonijiet tal-vetturi huma eżaminati bl-użu ta' tagħmir assenjat biex jistabbilixxi eżattament jekk il-valuri ta' limitu preskritti jew indikati mill-manifattur ikunux intlaħqu.

(1) Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta'arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur'(O) L 76, 6.4.1970, p.1). Id-Direttiva kif ġiet emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/102/KE (O) 334, 28.12.1999, p.43)."